**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru: 121/21 MLF**

**Eugenio Sultana**

**vs**

**Mapfre MSV Life plc u b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Marzu 2023 Dr Christopher Chircop gie mahtur bhala deputat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti Majbrit Sultana**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €11,590.53 ammont ta' assigurazzjoni fuq il-hajja, meta l-istess polza immaturat fit-28 ta' Frar 2021, u li l-kumpanija konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont dovut, u dan fuq il-pretest infondat fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Marzu 2021 sad-data tal-hlas effettiv.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-polza li qed jirreferi ghaliha r-rikorrenti hija l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja kongunta bin-numru 27673 li kienet inharget mis-socjeta' intimata b'effett mit-28 ta' Frar 1996, f'isem ir-rikorrenti flimkien mal-mara ma' min kien precedentement mizzewweg u cioe' f isem Majbrit Sultana nee' Mortensen u li dik il-polza immaturat fit-28 ta' Frar 2021 bil-maturity value fl-ammont ta' Ewro 11,624.03 (aktar 'l isfel maghrufa bhala "il-Polza"), - kopja ta' din il-*policy schedule* giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala Dok. MSV1;

2. llli t-talba tar-rikorrenti sabiex jithallas l-ammont ta' Ewro11,590.53, fl-intier tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-r-rikorrenti ghaliex l-ammont m'huwiex kollu dovut mis-socjeta' intimata u lanqas m'huwa dovut lir-rikorrenti wahdu ghas-segwenti ragunijiet u dan kif se jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fl-ewwel lok, minhabba illi ma sarx il-hlas kollu tal-premiums taht il-Polza, mill-maturity value fuq imsemmi, awtomatikament tnaqqas l-ammont ta' Ewro 611.77 sabiex jaghmel tajjeb ghal dak in-nuqqas u dan ai termini tal-klawzola 4 tal-pagna 8 tal-Polza (kopja annessa mar-risposta u mmarkata bhala Dok. MSV2) u ghalhekk il-maturity value li s-socjeta' intimata kienet tenuta li thallas huwa fl-ammont ta' Ewro 11,360.98 u mhux Ewro11,624.03 jew kemm qed jitlob ir-rikorrenti;

4. Illi fit-tieni lok, minhabba illi l-Polza in kwistjoni hija joint policy f'isem ir-rikorrenti flimkien ma' Majbrit Sultana nee' Mortensen u mhux f'isem ir-rikorrenti biss, kif fuq spjegat, is-socjeta' intimata hija obbligata li thallas kwalunkwe ammont dovut fuq il-Polza in kwistjoni lir-rikorrenti flimkien ma' Majbrit Sultana nee' Mortensen jew fi kwoti bejniethom illi huma jaqblu u illi flimkien javzaw lis-socjeta' intimata u ghalhekk s-socjeta' intimata la hija obbligata u lanqas intitolata illi thallas l-ammout dovut kollu lir-rikorrenti. Ghalhekk, il-gudizzju mhux integru minhabba illi evidentement hemm Majbrit Sultana nee' Mortensen li ghandha interess fil-procedura in kwistjoni. Ghalhekk, ir-rikorrent ghandu isejjah lil Majbrit Sultana nee' Mortensen jew kuraturi ghan-nom taghha f'din il-procedura jew jiehu dawk il-passi kollha ohrajn necessarji, ghall-integrita' tal-gudizzju

5. Illi l-Polza in kwistjoni harget b'effett mit-28 ta' Frar 1996, meta r-rikorrenti kien gia' mizzewweg mas-sinjura Majbrit Sultana nee' Mortensen, u kif spjegat fis-suespost kienu dahlu f'joint policy u ghalhekk minbarra illi bejniethom kien japplika r-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti ma dahalx ghal din il-Polza f'ismu propju izda flimkien ma' Majbrit Sultana nee' Mortensen, u ghalhekk il-Polza in kwistjoni tappartjeni kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lil Majbrit Sultana nee' Mortensen fi kwoti indaqs bejniethom;

6. Illi din mhix kwistjoni sempliciment ta' "joint ownership" ex lege permezz tal-kommunjoni tal-akkwisti izda hija "joint ownership" ex contractu stante il-ftehim milhuq kif hemm fuq gia' deskritt;

7. Illi jirrizulta illi permezz ta' decizjoni moghtija rnill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 2001 fl-ismijiet *Eugenio Sultana vs Avukat Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante nominti bhala kuraturi deputati ta' l-Imsiefra Majbrit Sultana nee' Mortensen b'digriet tal-1 ta' Frar 1999* (Citazz. Nru 2375/99NA), l-Onorabbli Qorti inter alia kkonfermat is-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u Majbrit Suitana nee' Mortensen, iddikjarat xolta l-kommunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejniethomm u ordnat illi d-dar matrimonjali, li mill-provi rrizulta erronjament (kif ser jigi ahjar spjegat aktar 'l isfel) illi hija l-unika assi li tezisti fil-kommunjonii tal-akkwisti, giet assenjata fl-intier taghha lir-rikorrenti, li pero kellu jkun unikament responsabbli ghad-djun kollha tal-istess kommunjoni tal-akkwisti (aktar 'l isfel maghrufa bhala "is-Sentenza tas-Separazzjoni") (kopja giet annessa mar-risposta u immarkata bhala Dok. MSV3).

8. Illi s-socjeta' intimata innotat illi s-Sentenza tas-Separazzjoni ma ghamlitx referenza specifika ghall-Polza in kwistjoni, anzi qalet illi l-unika assi li tezisti fil-kommunjoni tal-akkwisti kienet id-dar matrimonjali u l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ibbazat is-Sentenza tas-Separazzjoni abbazzi tal-provi ipprezentati lilha u ghalhekk fid-decizjoni taghha ma kienetx qed tiehu konjizzjoui tal-Polza in kwistjoni;

9. Illi s-socjeta' intimata sabet ruha f'pozizzjoni illi kellha tezegwixxi d-decizjoni tal-Qorti fil-mument meta immaturat il-Polza u ghalhekk minhabba illi s-sentenza tas-

Separazzjoni ma indirizzatx x'kien ser isir mill-Polza in kwistjoni, ma kellhiex ghazla hlief illi tikkonsidra illi l-maturity value tal-Polza in kwistjoni wara li tnaqqas l-ammont dovut bhala premium f1-ammont globali ta' Ewro 11,360.98 kellu jigi diviz f’zewg partijiet ugwali bejn ir-rikorenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen. Ghalhekk, is-socjeta' rikorrenti kienet disposta illi thallas Ewro5,680.49 favur ir-rikorrenti u Ewro 5,680.49 favur Majbrit Sultana nee' Mortensen, minhabba illi l-Polza in kwistjoni hija joint policy u dan kif kien ikkomunikat lir-rikorrenti tramite ir-rapprezentanta legali tieghu, permezz ta' email datata 24 ta' Marzu 2021 (anness mar-rikors promotur u immarkat bhala Dok. MSV4);

10. Illi s-socjeta' intimata hija tal-fehma illi minkejja illi l-kommunjoni tal-akkwisti giet itterminata bejn ir-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen fit-18 ta' Mejju 2001, is-sehem ta' Majbrit Sultana nee' Mortensen fil-Polza in kwistjoni ma giex assenjat lir-rikorrenti u ghalhekk Majbrit Sultana nee' Mortensen baqghet sid tal-Polza flimkien mar-rikorrenti barra mir-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti. In-nofs sehem indiviz ta' Majbrit Sultana nee' Mortensen fil-Polza in kwistjoni la ma gie u lanqas ma seta' jigi awtomatikament assenjat lir-rikorrenti minhabba semplicement illi kien hemm terminazzjoni fil-kommunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen. Dan ir-rizultat kien jintlahaq mir-rikorrenti jekk is-Sentenza tas-Separazzjoni fuq imsemmija iddikjarat illi l-Polza kongunta in kwistjoni giet assenjata minn Majbrit Sultana nee' Mortensen favur ir-rikorrenti, kif sar fil-kaz tad-dar matrimonjali taghhom, jew kien hemm ftehim ta' assenjazzjoni bejn ir-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen f'xi data aktar tard. Difatti la s-Sentenza tas-Separazzjoni fuq imsemmija ma tipprovdi xejn dwar dan, ghax addiritura ma kien hemm l-ebda provi illi kienet tezisti ebda assi ohra ghajr ghad-dar matrimonjali, u allura anqas il-Polza in kwistjoni, u s-socjeta' intimata lanqas qatt ma giet ipprezentata b'ftehim ta' assenjazzjoni tas-sehem indiviz tal-Polza li tappartjeni lil Majbrit Sultana nee' Mortensen favur ir-rikorrenti, ghalhekk il-Polza in kwistjoni ghandha tibqa titqies bhala li ghadha proprjeta' komuni bejn ir-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen ghalkemm, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, mhux parti mill-kommunjoni tal-akkwisti.

11. Illi s-socjeta' intimata tista' tifhem illi forsi r-rikorrenti ghad ghandu xi drittijiet kontra Majbrit Sultana nee' Mortensen (kwistjonijiet ta' terminazzjoni tal-kommunjoni, hlasijiet ta' premium ecc), pero' dawn huma affarijiet ta' bejniethom u s-socjeta' intimata ma tistax taghmilha ta' xi gudikanta ta' dawn il-kwistjonijiet ta' bejniethom izda mhux biss, anke ghaliex ma gietx offruta l-ebda prova, l-anqas naha u l-anqas ohra, la qabel ma giet istitwita din il-kawza, u sahansitra l-anqas fl-atti ta' din il-kawza u ghaldaqstant, ir-rikorrenti mhuwiex intitolat jippretendi - maturity value kollu tal-Polza;

12. Illi minkejja dan kollu, s-socjeta' intimata spjegat lir-rikorrenti illi hija kienet disposta illi thallas f’kwalunkwe proporzjonijiet ohrajn differenti sakemm ikun hemm il-kunsens ta' Majbrit Sultana nee' Mortensen jew jekk igib decizjoni tal-Qorti illi tiddikjara illi l-Polza in kwistjoni giet assenjata lir-rikorrenti u li ghalhekk r-rikonenti intitolat li jircievi l-maturity value fl-intier tieghu. Illi is-socjeta intimata m'hija bl-ebda mod tenuta illi tkun hi li tottjeni tali ftehim bejn is-sidien tal-Poloz mahruga minnha jew li tottjeni tali decizjoni tal-Qorti, liema ftehim u decizjoni jinkombu lill-istess sidien. Fin-nuqqas, is-socjeta' intimata ma kienx ser ikollha ghazla ohra ghajr illi tiddepoziita l-maturity value taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex jigu liberament zbankati mir-rikorrenti u minn Majbrit Sultana nee' Mortensen bi qbil bejniethom. Jidher car illi ir-rikorrenti ma wasalx f’tali ftehim ma’ Majbrit Sultana nee’ Mortensen jew ma ottieniex id-decizioni tal-Qorti kif kien suggeriet mis-socjeta intimata u ghalhekk ghamel din il-kawza inutli ghax kien ikun aktar ghaqli li kieku saret kontra Majbrit Sultana nee' Mortensen. Ghaldaqstant is-socjeta intimata mhix aktar disposta tkompli izzomm il-Maturity value tal-Polza fl-ammont ta' Ewro 11,360,98, liema ammont kienet ilha disposta illi thallas sa mid-data tal-maturita' tal-Polza u ghamlet hekk biss bl-ghan illi jintlahhaq ftehim bejn ir-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen jew li tinghata decizjoni li tidderigiha kif ser jithallas il-maturity value. Ghalhekk is-socjeta' intimata m’ghandhiex ghazla hlief issa tiddepozita l-maturity value tal-polza f1-ammont ta’ Ewro 11,360.98 taht l-awtorita' tal-Qorti kif fuq spjegat;

13. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha kif hawn fuq spjegati, u kif ser jigu aktar amplifikati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta intimata tipprotesta l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri gudizzjarji u drittijiet legali, inkluz dawk tac-cedola ta'

depozitu fuq imsemmija kontra r-rikorrenti u Majbrit Sultana nee' Mortensen u tal-proceduri ghall-hatra ta' kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil Majbrit Sultana nee' Mortensen bl-akbar qawwa kollu, liema proceduri gudizzjari fil-fatt saru minhabba illi 1-process tas-separazzjoni taghhom ma kienx sar b'mod komplut u ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha bejn il-konjugi Sultana, milli fuq xi dritt illi tnaqqsilhom permezz tal-agir irregolari tas-socjeta intimata.

3. Rat id-dokument ipprezentati u l-atti kollha tal-kawza.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

5. Rat is-sentenza preliminari taghha tal-25 ta' Mejju 2022 fejn ghar-ragunijiet fiha premessi laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tan-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju, u ai termini tal-Artikolu 961 tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat il-kjamata in kawza ta' Majbrit Sultana nee Mortensen, a spejjez provvizorjament tal-attur.

6. Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Marzu 2023 fejn din il-Qorti hatret lil Dr Christopher Chircop bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti kjamata in kawza Majbrit Sultana nee Mortensen.

7. Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Christopher Chircop bhala kuratur deputat fejn espona bir-rispett:[1]

    1. Illi huwa r-rikorrent li ghandu l-piz tal-prova u cioe illi permezz tal-provi mressqa minnu jrid jikkonvinci lil din il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qieghed jaghmel huma fondati.

    2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjara li m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qed jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huwa jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.

[1] Din ir-risposta giet intavolata qabel id-data li fiha Dottor Christopher Chircop gie nominat bhala kuratur deputat f'dawn il-proceduri. Pero fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, l-avukati difensuri tal-attur u tas-socjeta konvenuta rispettivament iddikjaraw li jaqblu li minkejja dan il-fatt, din ir-risposta xorta ghanda titqies bhala r-risposta ta' Dr Christopher Chircop bhala kuratur deputat ghall-assenti Majbrit Sultana (ara fol. 68 tal-process).

3. Illi l-esponenti jitlob lil partijiet kollha involuti f'din il-kawza sabiex jghaddulu dik l-informazzjoni li tinsab fil-pusses taghhom li permezz taghha sabiex huwa jkun jista' jaghmel kuntatt ma' Majbrit Sultana nee Mortensen.

8. Rat in-nota tal-avukat Christopher Chircop bhala kuratur deputat tal-1 ta' Novembru 2023 li biha informa lill-Qorti li minkejja li ipprova jaghmel kuntatt ma' Majbrit Sultana fl-indirizz u permezz tan-numru tat-telefon moghtija lilu mis-socjeta konvenuta, it-tentattivi tieghu biex jaghmel dan il-kuntatt irrizultaw kollha fin-negattiv. Ghaldaqstant ma sarx kuntatt bejnu u bejn Majbrit Sultana u konsegwentement huwa ma kienx f'posizzjoni li jressaq provi.

9. Rat li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024, din il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-provi tal-kjamata in kawza maghluq.

10. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

11. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati bejn il-partijiet, u huma s-segwenti:

(i) L-attur u martu Majbrit Sultana nee Mortensen izzewgu fis-26 ta' Jannar 1991 u matul iz-zwieg taghhom kien vigenti r-regim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti.

(ii) Fl-1 ta' Novembru 1999, l-attur intavola proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, minhabba *inter alia* l-adulterju u abbandun ta' martu, li halliet Malta u irritornat id-Danimarka.

(iii) B'sentenza fl-ismijiet **Eugenio Sultana vs Avukat Raymond Zammit et** deciza fit-18 ta' Mejju 2001, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet it-talbiet attrici *inter alia* bil-mod segwenti:

*"1. Tipprononzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija tal-konvenuta;*

*2. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna illi d-dar matrimonjali li mill-provi jirrizulta li hija l-unika assi li tezisti fil-komunjoni ta' l-akkwisti tigi assenjata fl-intier taghha lill-attur li pero ghandu jkun unikament responsabbli ghad-djun kollha ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;*

*3. tapplika kontra l-konvenuta interament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;"*

(iv) Fit-28 ta' Frar 1996, jigifieri qabel is-separazzjoni bejn l-attur u martu, is-socjeta konvenuta harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja f'isem l-attur u martu, liema polza immaturat fit-28 ta' Frar 2021, bil-*maturity value* fl-ammont ta' €11,624.03, imma peress illi ma sarx il-hlas kollu tal-*premia* taht il-polza, l-ammont illi socjeta konvenuta kienet tenuta li thallas huwa l-ammont ta' €11,360.98.[2]

(v) Is-socjeta konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas dan l-ammont fl-intier tieghu lill-attur minghajr il-kunsens ta' martu Majbrit Sultana nee Mortensen, u dan stante li s-sentenza ta' separazzjoni ma ghamlitx referenza specifika ghall-polza in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Il-kwistjoni principali li trid tiddeciedi din il-Qorti fil-kawza odjerna hija jekk tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, huwix necessarju l-kunsens jew altrimenti xi forma ta' intervent iehor da parti ta' mart l-attur (illum legalment separati), sabiex is-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-ammont intier li immatura taht il-polza ta' assigurazzjoni mertu ta' din il-vertenza.

[2] Ara verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2022 a fol. 37 tal-process.

13. In succint, is-socjeta konvenuta qieghda issejjes ir-rifjut taghha li thallas lill-attur l-ammont li immatura taht il-polza tal-assigurazzjoni fuq l-Artikolu 1712K(2) tal-Kodici Civili li jippreskrivi hekk:

*"Meta issir polza* <u>*fuq il-hajja minn mizzewgin flimkien*</u> *din tista' tkun biss tigi ceduta, mirhuna, assenjata jew modifikata inkluz bit-tismija ta' beneficjarju bis-sahha taghha, flimkien miz-zewg konjugi kemm-il darba l-polza tkun espressament sottoskritta –*

*(a) taht kondizzjoni li kull parti mill-konjugi tista' tagixxi minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra f'kull haga jew f'xi affarijiet; jew*

*(b) taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1712F, u maghad biss wara l-mewt tal-konjugi l-iehor."*

14. Is-socjeta konvenuta targumenta illi s-sentenza ta' separazzjoni issemmi biss id-dar matrimonjali, ma mkien ma issemmi l-polza ta' assigurazzjoni u in partikolari lil liema parti din il-polza giet assenjata. Ghaldaqstant hija tissottometti illi ma giex ippruvat li din il-polza giet assenjata fl-intier taghha lill-attur, jew li mart l-attur tat il-kunsens taghha sabiex il-valur tal-maturita jithallas esklussivament lill-attur.

15. Il-Qorti tirrileva li huwa pacifiku fil-kazistika tal-Qrati taghna li eżami tal-parti deċisorja ta' xi sentenza m'għandhiex tiġi eżaminata waħedha f'iżolament iżda trid tinqara mal-motivazzjoni u dak mitlub. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-5 ta' Ottubru 1998 fejn ingħad hekk:

*"Però, sussegwentement jista' jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx internament fil-parti disposittiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżolta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispożittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispożittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat."*

16. It-tieni talba tal-attur fic-citazzjoni tieghu fil-kawza ta' separazzjoni minn martu kienet sabiex il-Qorti *"tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-assi komponenti l-istess komunjoni assenjati lill-attur, anke ghaliex il-konvenuta ddikjarat li ma trid xejn mill-istess assi."*

17. Fis-sentenza taghha, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkunsidrat *inter alia* is-segwenti:

*"Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2000 xehed l-attur, il-mara kienet abbandut id-dar fl-1998. Qaltlu li ma kenitx ser tmur lura d-dar, biex ma jiktbilhiex u jibboderjaha aktar ghax ma kenitx ghadha thobbu. Kull ma kellhom bhala assi tal-kommunjoni tal-akkwisti kienet id-dar konjugali li kien qed ihallsha l-attur peress illi ghad hemm id-dejn mal-Lohombus. Fir-rigward ta' din id-dar kienet ukoll qaltlu li seta' jzommha ghax hija ma riditiex. Hija kienet halliet ukoll diversi djun li kien sejjer ihallashom hu. … …*

*Dan iwassal lill-Qorti biex ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni, konsiderat ukoll ix-xhieda moghtija w id-dokumenti esebiti, illi l-konvenuta abbandunat lir-ragel u lid-dar matrimonjali peress illi kienet bdiet relazzjoni extra-maritali ma' dan certu Mohammed. Dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll il-fatt illi ma jidhirx illi huwa kkontestat illi l-unika assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti hija d-dar konjugali li mhux biss il-konvenuta ma tantx tidher illi ghandha interess fuqha izda jirrizulta wkoll li nxtrat u giet imhallsa l-aktar bil-hidma ta' l-attur iwasslu lill-Qorti li tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti: … …"*

18. Minn dawn il-brani tas-sentenza jirrizulta b'mod car, li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili waslet ghall-konkluzjoni li z-zwieg kien sfaxxa ghal ragunijiet imputabbli biss lill-mart l-attur, u in vista tal-fatt li fix-xhieda tieghu l-attur qal li l-uniku assi tal-komunjoni tal-akkwisti kienet id-dar konjugali, il-Prim'Awla assenjat din id-dar fl-intier taghha lill-attur, li pero kellu jkun responsabbli ghad-djun kollha tal-komunjoni. Huwa ovvju li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza, l-intenzjoni tal-Prim'Awla kienet li tilqa' t-tieni talba tal-attur fic-citazzjoni sabiex l-assi kollha komponenti l-istess komunjoni jigu assenjati kollha lill-attur, pero imponiet obbligu fuq l-attur sabiex jhallas id-djun kollha tal-komunjoni.

19. Sussegwentement irrizulta li x-xhieda tal-attur ma kinietx korretta ghax il-komunjoni tal-akkwisti kienet tikkonsisti mhux biss fid-dar konjugali izda wkoll fil-polza tal-assigurazzjoni li saret mill-konjugi Sultana waqt iz-zwieg taghhom.

20. Certament ma jaghmilx sens legali u lanqas logiku li jigi argumentat li l-Prim'Awla imponiet fuq l-attur l-obbligu li jhallas id-djun kollha tal-komunjoni, inkluz ovvjament il-*premia* relattivi mal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni – li fid-data tas-sentenza kien

ghad fadlilha ghoxrin (20) sena biex timmatura – bl-intenzjoni li l-mara tal-attur imbaghad tibbenefika f'sehem ugwali minn xi assi li eventwalment jista' jirrizulta li gew akkwistati bil-fatt li l-attur ikun hallas id-djun, ovvjament totalment bil-hidma tieghu. Jekk jigi accettat l-argument li s-socjeta konvenuta ghandha tezigi li mart l-attur ghandha dritt ghan-nofs il-hlas tal-*maturity value* tal-polza tal-assigurazzjoni, ser ikunu spjustjati il-binarji li fuqhom inghatat is-sentenza ta' separazzjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, partikolarment meta mart l-attur qatt ma hallset sehemha mill-*premia* dovuti tul dawn is-snin kollha u tali obbligu gie impost biss fuq l-attur.

21. Ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta konvenuta, fl-opinjoni tal-Qorti, is-socjeta konvenuta ma kienitx legalment korretta meta, minkejja is-sentenza ta' separazzjoni, hija esigiet li sabiex tirrilaxxa l-flus kollha lill-attur, ikollha wkoll il-kunsens ta' mart l-attur. Dan aktar u aktar meta mis-sentenza jirrizulta ampjament li mart l-attur lanqas hadet l-icken interess fid-dar konjugali, ahseb u ara fil-polza ta' assigurazzjoni.

22. A skans ta' kull ekwivoku, il-Qorti terga' tirrepeti li fil-mori ta' dawn il-proceuri l-attur qabel li l-ammont li ghandu jithallas mis-socjeta konvenuta huwa €11,360.98, kif indikat fit-tielet eccezzjoni tar-risposta tas-socjeta konvenuta, u dan stante li naqas li jhallas il-*premia* kollha taht il-polza tal-assigurazzjoni.[3]

23. Pero il-Qorti hija tal-opinjoni li peress li dan id-disgwid inholoq ghaliex l-attur bi zvista ma semmiex il-polza ta' assigurazzjoni waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, is-socjeta konvenuta m'ghandhix tigi ikkundannata thallas l-imghaxijiet legali fuq l-ammont dovut mill-1 ta' Marzu 2021, u lanqas ghandha tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddecidi billi:

[3] Ara verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2022 a fol. 37 tal-process.

1. Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta hlief ghall-eccezzjonijiet numru tnejn, tlieta u tlettax;

2. Tilqa' l-eccezzjonijiet numru tlieta u tlettax tas-socjeta konvenuta;

3. Konsegwentement tilqa' limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u sittin Euro u tmienja u disghin centezmu (€11,360.98), bl-imghaxijiet dekoribbli mil-lum.

25. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – eskluzi dawk tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju 2022 - ghandhom jigu subiti mill-attur. L-ispejjez ta' dik is-sentenza preliminari ghandhom jigu subiti kif preskritt fl-istess sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**